**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 t' Awwissu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Owen John Mizzi**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-lum fejn id-difiza talbet id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat u ta' isem il-vittma

2. Din it-talba trid bilfors tigi ikkunsidrata fid-dawl tad-dritt fundamentali tal-imputat ghal smiegh xieraq fil-pubbliku u d-dritt fundamentali tal-pubbliku ghall-informazzjoni dwar proceduri penali u tal-qafas legizlattiv Malti.

3. Rigward it-talba ghal divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat, ghalkemm l-Artikolu 517(1) tal-Kodici Kriminali jikkontempla l-projbizzjoni inter alia tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat, il-Qorti tirrileva li dan ma jfissirx li ghax l-imputat ihossu skomdu li ismu jista jixxandar fil-pubbliku, allura awtomatikament din il-Qorti ghandha tilqa' t-talba. Il-Qorti tifhem jekk isem l-imputat jixxandar fuq il-mezzi tax-xandir, dan jista jkollu xi effetti fuq ir-relazzjonijiet familjari, socjali u lavorattivi tieghu. Pero dan japplika mhux ghall-imputat odjern biss izda ghal kull imputat, huma x'inhuma l-imputazzjonijiet kontrieh. Sakemm jinstab definittivament hati minn xi Qorti, l-imputat huwa prezunt innocenti, pero dan ma jfissirx li l-pubbliku awtomatikament m'ghandux dritt jigi infurmat li hemm allegazzjonijiet li qed isiru kontrih u li hemm proceduri kriminali pendenti kontra tieghu. Fil-kaz odjern din il-Qorti ma tarax li jekk isem l-imputat jigi ppubblikat hemm xi riskju li jigu pregudikati b'xi mod l-interessi tal-gustizzja. Ghaldaqstant it-talba tad-difiza qed tigi michuda.

4. Rigward id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma, l-Artikolu 517 (1) tal-Kodici Kriminali ma jipprojbix il-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma izda ta' pubblikazzjoni *"dwar ir-reati li fuqu tkun miexja l-kawza*". Fl-opinjoni tal-Qorti dan ifisser li jew il-Qorti tipprojbixxi l-pubblikazzjoni dwar ir-reat fl-intier tieghu – jew ma tipprojbixxi xejn.

5. Certament din il-Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni tiddeciedi hi liema partijiet mill-imputazzjoni jew liema imputazzjonijiet ghandha tipprojbixxi l-pubblikazzjoni taghhom. Ovvjament m'hemmx bzonn jinghad li fil-kaz odjern ma hemmx ragunijiet validi ghalfejn din il-Qorti ghandha tipprojbixxi l-pubblikazzjoni dwar ir-reati fl-intier taghhom u fil-fatt ma qed issir l-ebda talba f'dan is-sens.

6. L-Artikoli 10B u 12 tal-Kapitolu 539 tal-Ligijiet ta' Malta irreferu ghall-mizuri li jista jiehu l-Ministeru responsabbli ghall-vittmi tal-kriminalita u kull entita jew agenzija ohra li l-Ministeru jista jahtar sabiex jipprotegu inter alia l-privatezza tal-vittma. Pero sal-lum il-ministeru ghadu ma hax dawn il-mizuri u din il-Qorti ma tistax skond il-ligi tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Ministeru.

7. Ghall-kompletezza l-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul – dwar il-prevenzjoni u l-glieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika. Din il-konvenzjoni giet tifforma parti mill-Ligi Maltija bl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. L-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni jippreskrivi li *"Il-partijiet ghandhom jiehdu l-mizuri legislattivi u mizuri ohrajn necessarji sabiex"* inter alia *"(f) jizguraw li jkunu jigu adottati mizuri li jipprotegu l-privatezza u l-immagini tal-vittma."*

9. Huwa ovvju minn qari ta' dan l-Artikolu li l-obbligu li jiehu l-mizuri legislattivi huwa fuq il-legislatur u mhux fuq dawn il-Qrati. Sta ghal-legislatur li jaghti d-diskrezzjoni lill-Qorti li fil-kazijiet idonei tipprojbixxi l-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma. Sal-lum il-legislatur dan ghadu m'ghamlux, u ghal ragunijiet ovvji din il-Qorti ma tistax tiddeciedi hi minflok il-legislatur x'ghandhom ikunu dawn il-mizuri legislattivi intizi sabiex jipprotegu l-privatezza tal-vittma.

10. Konsegwentement lanqas din it-talba ghal divjet tal-pubblikazzjoni tal-parti leza ma tista' tigi milqughha.

11. Minn naha l-ohra id-dritt tal-media li tati informazzjoni igorr mieghu l-obbligu li l-media tezercita dan id-dritt b'mod responsabbli u b'mod li ma jigux imweggha persuni minhabba pubblikazzjonijiet li jsiru ghall-fini ta' sensazzjonalizmu biss.

**Magistrat** **Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**